VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,685, 25 ta' Novembru, 2016
Taqsima B

A.L. 399 tal-2016

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME*
(KAP. 123)

Regoli tal-2016 li jemendaw ir-Regoli dwar Donazzjonijiet li jsiru għal Sport u Kultura (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 14(2)(b) u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru għall-Finanzi għamel ir-regoli li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli tal-2016 li jemendaw ir-Regoli dwar Donazzjonijiet li jsiru għal Sport u Kultura (Emenda Nru. 2), u dawn ir-regoli għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli dwar Donazzjonijiet li jsiru għal Sport u Kultura, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regoli prinċipali". L.S. 123.102

Temenda r-regola 3 tar-regoli prinċipali.

2. Ir-regola 3 tar-regoli prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) is-subregola (1) tagħha għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"(1) Meta, f'xi sena ta' stima, kumpannija ġġib prova għas-sodisfazzjon tal-Kummissarju li tkun għamlet donazzjoni fi flus likwidi lil xi persuna sportiva li tieħu sehem f'xi avveniment sportiv nazzjonali jew avveniment sportiv internazzjonali, dik id-donazzjoni tista' tintalab bħala tnaqqis mill-*income* għas-sena ta' stima li fiha tkun saret, sakemm jinħareġ ċertifikat f'dak ir-rigward minn SportMalta, u li allura jkun qed jiċċertifika rikonoxximent ta' dan l-avveniment u reġistrazzjoni tal-persuna sportiva:

Iżda tali tnaqqis jista' jiġi biss mitlub meta l-imsemmija persuna sportiva ma hija bl-ebda mod konnessa mal-kumpannija li tkun qiegħda tagħmel id-donazzjoni.";

(b) fis-subregola (4) tagħha, minflok il-kliem "Il-Kunsill Malti għall-Isport" għandha tidħol il-kelma "SportMalta"; u

(ċ) minnufih wara s-subregola (4) tagħha, għandha tiżdied is-subregola ġdida li ġejja:

"(5) Għall-finijiet ta' din ir-regola:

"avveniment sportiv internazzjonali" tfisser kull forma ta' avveniment li għandu element kompetittiv, li huwa organizzat minn entità regolatorja internazzjonali rikonoxxuta minn SportMalta, li fiha jipparteċipaw persuni sportivi lokali;

"avveniment sportiv nazzjonali" tfisser kull kampjonat, kompetizzjoni *knock-out* jew kull forma ta' kompetizzjoni lokali li ssir fit-territorju ta' Malta intiża għal persuni sportivi, rikonoxxuti minn SportMalta; u

"persuna sportiva" tfisser atleta, klabb, assoċjazzjoni, federazzjoni, fondazzjoni jew kull organizzazzjoni tal-isports li hija reġistrata taħt kwalunkwe kategorija kif stabbilita minn SportMalta li hija kunsidrata entità sportiva li ma għandhiex skop ta' profitt u li hija reġistrata fir-Reġistru ta' Persuni miżmuma minn SportMalta kif meħtieġ bl-Att dwar l-Isports.".